

Brussell, 27 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9719/26

EF 161  
ECOFIN 675  
DELECT 92

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3334 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'26.5.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u fl-applikazzjoni għar-rikonossiment ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3334 final.

Mehmuż: C(2026) 3334 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.5.2026  
C(2026) 3334 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'26.5.2026**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u fl-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG) għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, billi (i) itejjeb it-trasparenza tal-karatteristiċi u l-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet ESG, u billi (ii) jiżgura aktar integrità tal-operazzjonijiet tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG u l-prevenzjoni tar-riskji ta' kunflitt ta' interess fil-livell tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG.

Qabel ma tkun tista' sseħħ is-superviżjoni tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG, l-ewwel huwa meħtieġ li l-ESMA tawtorizza applikant f'konformità mal-proċessi stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG jew li tirrikonoxxi applikant f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG.

Biex dawn il-valutazzjonijiet jitwettqu b'mod effiċjenti u effettiv, il-proċessi ta' awtorizzazzjoni jew rikonoxximent stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 8 u l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG huma appoġġati minn setgħat għal standards tekniċi regolatorji skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 12(9) immirati biex jispeċifikaw aktar l-informazzjoni elenkata fl-Anness I tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG u biex jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent.

Speċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti ta' informazzjoni mhux se twassal għal żieda sostanzjali fil-kostijiet meta mqabbla mal-istima mħejjija għall-proposta. Il-kost tal-istandard tekniku regolatorju stmat mill-ESMA huwa konformi mal-istimi li saru fil-VI.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 1095/2010 (ir-Regolament tal-ESMA), l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji f'Mejju 2025. Il-konsultazzjoni pubblika għalqet fl-20 ta' Ġunju. B'kolloxx waslu 57 tweġiba minn varjetà wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati inklużi parteċipanti fis-swieq finanzjarji, assoċjazzjonijiet tal-industrija, akkademiċi, fornituri tal-klassifikazzjoni u partijiet interessati oħra. Ir-Rapport Finali tal-ESMA dwar l-Istandards tekniċi skont ir-Regolament dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza ġie ppreżentat lis-servizzi tal-Kummissjoni fit-13 ta' Ottubru 2025.

### **3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikoli 1 u 2 jispeċifikaw liema elementi huma rilevanti għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u mbagħad liema elementi huma rilevanti għal applikazzjoni għal rikonoxximent.

L-Artikolu 3 jittratta l-format u r-rekwiżiti formali tal-applikazzjoni

L-Artikolu 4 jittratta r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-informazzjoni pprovduta rigward l-għadd ta' impjegati.

L-Artikolu 5 jiċċara kif għandu jiġi ssodisfat l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri.

Fir-rigward tal-Annessi tal-istandards tekniċi regolatorji, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II jenħtieġ li tiġi pprovduta kemm fil-każ ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif ukoll fil-każ ta' rikonoxximent. Imbagħad, jekk applikant għal awtorizzazzjoni jkun jixtieq japprova l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, jew jipprova parametri referenzjarji, l-informazzjoni fl-Annessi IV u V jenħtieġ li pprovduta flimkien mal-Anness II. Għal applikazzjoni għal rikonoxximent, l-informazzjoni speċifika fl-Anness III jenħtieġ li tiġi pprovduta flimkien mal-informazzjoni skont l-Anness II.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'26.5.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u fl-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 12(9), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-oġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) 2024/3005, b'mod partikolari biex jittejjbu t-trasparenza u l-affidabbiltà fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG, huwa xieraq li dan ir-Regolament jiżgura li l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għall-finijiet tal-proċessi ta' awtorizzazzjoni u rikonoxximent tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG tkun biżżejjed biex l-ESMA tkun tista' tiegħu deċiżjonijiet infurmati rilevanti.
- (2) L-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu adottati abbażi tas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(3), it-tielet subparagrafu, u fl-Artikolu 12(9), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/3005 jenħtieġ li jiġu raggruppati f'Regolament Delegat tal-Kummissjoni wieħed biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet kollha li jispeċifikaw l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u r-rikonoxximent tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jiġu kkonsolidati f'Regolament wieħed.
- (3) L-informazzjoni sottomessa lill-ESMA jista' jkun fiha informazzjoni dwar l-identità tal-persuna ta' kuntatt, tal-maniġment superjuri jew tar-rappreżentant legali ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG applikant, kif ukoll ta' analisti, impjegati u persuni oħra involuti direttament fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG. Tali informazzjoni tinkludi data personali. F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data minqax fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, jenħtieġ li tintalab biss data personali li tkun meħtieġa biex l-ESMA tkun

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/3005, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3005/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE)

tista' tivvaluta l-konformità tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jew għar-rikonoxximent ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/3005.

- (4) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali. F'dak ir-rigward, kwalunkwe pproċessar ta' data personali mwettaq mill-ESMA fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.
- (5) Id-data personali, b'mod partikolari l-prova tan-nuqqas ta' rekords kriminali għal kull membru tal-maniġment superjuri ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG relatata mal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-forniment ta' servizzi finanzjarji jew servizzi ta' data, atti ta' frodi jew approprjazzjoni indebita, jenħtieġ li tinżamm minn dak il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u mill-ESMA għal mhux aktar minn ħames snin wara li l-maniġment superjuri kkonċernat ikun waqaf iwettaq il-funzjoni tiegħu.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-ESMA tkun tista' tivvaluta l-konformità mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG mal-qafas rilevanti, inklużi l-miżuri u s-salvagwardji li għandhom jiġu implimentati mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG fir-rigward tas-separazzjoni tan-negozju u tal-attivitajiet, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG li jixtiequ japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jipprovdu parametri referenzjarji f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005 fiż-żmien li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex joperaw fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdu lill-ESMA b'informazzjoni addizzjonali f'dak ir-rigward.,
- (7) Il-membri tal-maniġment superjuri tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-operazzjonijiet ta' tali fornituri ta' klassifikazzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jinkludu fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni prova tar-reputazzjoni tajba ta' tali membri u ċertifikat uffiċjali jew evidenza ekwivalenti minn kull membru tal-maniġment superjuri fir-rigward tan-nuqqas ta' kundanni għal ċerti reati kriminali. Iċ-ċertifikat uffiċjali jenħtieġ li jkun reċenti biżżejjed biex jipprovdi livell aġġornat ta' assigurazzjoni u jenħtieġ li jkopri perjodu ta' żmien twil biżżejjed.
- (8) Il-punt (g) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/3005 jirrikjedi li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jenħtieġ li jkun fihom l-għadd ta' analisti tal-klassifikazzjoni, impjegati u persuni oħra li jaħdmu għall-applikant li huma direttament involuti fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG, u l-livell ta' esperjenza u taħriġ tagħhom. Sabiex jiġi speċifikat aktar dak ir-rekwiżit u filwaqt li jitqiesu diversi tipi ta' valutazzjoni, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tkopri wkoll l-analisti u l-persunal li jaħdmu biex jiżviluppaw u jirrieżaminaw il-metodoloġija tal-klassifikazzjoni ESG u li jimplimentaw u jżommu s-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri meħtieġa għall-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2024/3005. Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' applikazzjoni, l-informazzjoni pprovduta jenħtieġ li tkun fil-livell tat-tim jew tal-grupp ta' persuni li jwettqu l-attivitajiet.

---

Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (9) L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2024/3005 jipprojbixxi lill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG milli jinvolvu ruħhom f'ċerti attivitajiet, jew jirrikjedi li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jisseparaw tali attivitajiet mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom. Sabiex jiġi vverifikat jekk l-applikant ikunx ħa l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-attivitajiet jew is-servizzi l-oħra li jipprovdi ma jfjixklux jew jikkompromettux bla bżonn l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tiegħu, jenħtieġ li l-applikanti jipprovdu livell adegwat ta' informazzjoni dwar il-miżuri stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 16(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2024/3005.
- (10) Sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà u jittejbu l-ġestjoni u l-użabbiltà tad-data fid-dawl ta' żieda fid-diġitalizzazzjoni, kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-ESMA f'applikazzjoni jenħtieġ li tkun tista' tinqara mill-magni, strutturata biex tiġi identifikata, rikonoxxuta u estratta faċilment minn applikazzjoni tas-software, u pprovduta f'mezz durabbli.
- (11) Sabiex l-ESMA tiġi meġħjuna tidentifika d-dokumenti li applikant ikun issottometta bħala parti mill-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni, jenħtieġ li jiġi pprovdut numru ta' referenza uniku għal kull dokument.
- (12) Għal finijiet ta' assigurazzjoni u responsabbiltà, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni sottomessa lill-ESMA jenħtieġ li tinkludi ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tal-applikant, li tiċċertifika li l-informazzjoni sottomessa hija preċiża u kompluta sa fejn jaf dak il-membri.
- (13) Peress li dan ir-Regolament jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005, li japplika mit-2 ta' Lulju 2026, huwa xieraq li d-dati tal-applikazzjoni taż-żewġ Regolamenti jiġu allinjati.
- (14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fil-5 ta' Mejju 2026.
- (15) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji preżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA.
- (16) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal operat bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG**

1. Applikant għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) għandu jissottometti lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Anness I tar-Regolament 2024/3005, l-informazzjoni msemmija fl-Anness II.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

2. Fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-approvazzjoni flimkien ma' applikazzjoni skont il-paragrafu 1 għandu, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Anness I tar-Regolament 2024/3005 u l-informazzjoni msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG l-informazzjoni msemmija fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

3. Fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jippreżenta talba biex jipprovi parametri referenzjarji għandu, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Anness I tar-Regolament 2024/3005 u l-informazzjoni msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG l-informazzjoni msemmija fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

### **Applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni**

Applikant għar-rikonoxximent bħala fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni għandu jissottometti lill-ESMA, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament 2024/3005, l-informazzjoni msemmija fl-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament

#### *Artikolu 3*

### **Format tal-applikazzjoni**

1. Applikant għandu jagħti numru ta' referenza uniku għal kull dokument li jissottometti. Dan għandu jidentifika b'mod ċar għal liema rekwiżit speċifiku ta' dan ir-Regolament tirreferi l-informazzjoni sottomessa u f'liema dokument hija pprovduta dik l-informazzjoni.

2. L-applikanti għandhom jipprovidu lill-ESMA bl-informazzjoni msemmija fl-Annessi II u III IV u V ta' dan ir-Regolament f'format li jinqara mill-magni li:

(a) jippermetti li l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-applikazzjoni;

(b) jippermetti r-riproduzzjoni bla tibdil tal-informazzjoni maħżuna.

3. Applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tal-applikant li tiċċertifika li, sa fejn jaf il-membru, l-informazzjoni sottomessa hija preċiża u kompluta mid-data ta' dik is-sottomissjoni.

#### *Artikolu 4*

### **Numru ta' impjegati**

L-applikanti għall-awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 1 jew l-applikanti għar-rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 2 għandhom jistmaw l-għadd ta' impjegati tagħhom fuq bażi ekwivalenti għal full-time, li għandu jiġi kkalkolat bħala s-sigħat totali maħduma kull sena mill-impjegati kollha diviżi bl-għadd massimu ta' sigħat ta' impjegat soġġetti għal kumpens fi żmien sena tax-xogħol kif speċifikat mil-liġi nazzjonali applikabbli.

*Artikolu 5*

**Politiki u proċeduri**

L-applikanti għall-awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 1 jew l-applikanti għar-rikonossiment kif imsemmi fl-Artikolu 2 għandhom jipprovdu kopji tal-politiki u l-proċeduri adottati għall-konformità mal-Anness II il-parti (j), (k), (m), l-Anness IV u l-Anness V ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26.5.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*